MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 10/2003

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**Salvu Attard**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut Salvu Attard ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50), liema somma hija bilanc minn ammont akbar imhallas mill-attur lill-konvenut bhala depozitu ghall-bejgh ta’ karozza, liema bejgh ma sarx.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fit-23 ta’ Dicembru 2002 u l-ispejjes ta’ din il-procedura.”

Ra r-risposta:

“Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

Illi m’huwiex minnu li l-bejgh tal-pick-up truck bejn il-partijiet ma giex finalizzat. Dan il-bejgh kien gie ffinalizzat izda gie mhassar fuq insistenza ta’ l-attur. L-ammont imsemmi ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) gie trattjenut mill-esponenti (mill-hlas ta’ mitt lira Maltija li kien sar akkont) bi ftehim bejn il-partijiet in vista ta’ din ir-rexissjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti tal-kawza inkluzi x-xhieda prodotti mill-partijiet kontendenti;

Sema’ s-sottomissjonijiet verbali tal-avukati patrocinaturi;

Ikkunsidra;

Illi bhala premessa ghat-talba tieghu ghar-rifuzjoni tas-somma ta’ hamsin lira minnu mitluba, l-attur jghid li din kienet depozitu akkont tal-prezz ta’ karozza, liema bejgh, jghid hu, ma sarx. Izda mill-provi jirrizulta li effettivament il-bejgh bhala kuntratt kien gie kompjut. Sar il-ftehim fuq il-prezz u l-oggett kien definit u sahansitra l-attur iffirma l-log book tal-vettura. Wara rega’ bdielu, u sar ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu il-konvenut irrifonda hamsin lira mill-mitt lira depozitu li kien tah l-attur u sar qbil li r-rimanenti LM50 kellhom jigu akkreditati lill-attur akkont tal-prezz eventwali ta’ vettura ohra li talvolta seta’ jixtri minghand il-konvenut fil-futur.

Illi fis-sottomissjoni orali tieghu, l-abbli avukat difensur tal-konvenut issottometta li allura dan kien ftehim gdid. It-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni. Ir-ritenzjoni tal-LM50 ma tistax tittiehed bhala ftehim a se’, imma ghandha tittiehed bhala parti ntegrali u inxindibbli tal-istess rizoluzzjoni tal-ewwel u uniku ftehim bejn il-kontendenti, bhala kundizzjoni tal-istess rizoluzzjoni. Dan ifisser, u jista’ jfisser, haga wahda biss, illi cioe’ minghajr dak il-patt specjali l-ewwel xiri ma kienx jigi risolut. Dak ix-

xiri bhala kuntratt, kif gia nghad, kien komplet. Meta l-attur rega' bdielu u ried jinhall mill-obbligazzjonijiet ta' dak il-kuntratt, il-konvenut accetta li jilliberah, izda bil-patt li jirrestitwixxi biss LM50 mill-LM100 li kienu gew iddepozitati, filwaqt li jzomm ir-rimanenti LM50 a kreditu tieghu bhala akkont anticipat ta' karozza ohra li l-attur jixtri minghandu. L-alternattiva kienet li l-attur jibqa' marbut li jixtri l-vettura.

Illi kif gie majjistralment spjegat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Sede Kummercjali, tat-18 ta' Mejju 1959, fil-kawza fl-imsijiet *Charles Santucci vs John Mizzi noe (Imhallfin A J Mamo, A J Montanaro Gauci, W Harding – Kollez. XLIII.i.514)* li kienet titratta kaz li l-fattispecie tieghu huma kwazi identici ghal dak quddiem dan it-Tribunal, *l-attur, meta ma riedx jiehu l-karozza li kien xtara, ma kellux dritt jiehu lura l-akkont li kien gia hallas, minghajr il-kunsens tal-konvenut; il-konvenut ma kienx dispost jaghti dak il-kunsens; hu kien dispost biss li jaghti l-opportunita' lill-attur li ma jitlifx dak l-akkont, u li jutilizzah, jekk u meta jixtri minghandu car ohra;…. Ix-xiri ta' karozza kien ghalhekk il-kundizzjoni li tahtha l-attur seta' jkollu d-dritt li jiehu dawk il-flus lura, jew ahjar jimputahom akkont tal-prezz; liema dritt, altrimenti, hu ma ghandux affattu.*

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------